MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 103/2011

Il-Pulizija
[Spettur Anthony Portelli]
Vs
Justin Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Justin Farrugia, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) Gewwa l- Belt Valletta nhar is- 27 ta' Awwissu 2008, f' xi hin bejn is- 1.30 u t- 7.45am ikkommetta serq ta' somma ta' flus minn vettura tal-ghamla Toyota Landcruiser bin- numru tar- registrazzjoni OLI- 131, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bix- xorta tal- haga misrqua u bil- valur li jeccedi €232.94 u dan sar ghad-detriment ta' Jefrin Grech u/ jew persuni ohra;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fil- vettura msemmija OLI- 131, liema hsara li tiskorri €116.47 saret ghad- detriment tal- imsemmi Jeffrin Grech u/ jew persuni ohra;

3) Aktar talli kiser ordni ta' probation skond l-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija lilu fit- 12 ta' Dicembru 2007 mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D, liema sentenza saret defenittivi u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar, 2011, fejn il-Qorti Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 267, 271, 279, 325, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta; sabet lill- imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu sena prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Justin Farrugia pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-1 ta' Marzu, 2011 li bih talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata billi tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotti u tilliberah skond il-ligi

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Justin Farrugia li huma is-segwenti:

a. Illi din il-Qorti ghandha tikkonsidra l-fatt jekk hemm xi statement fil-process liema haga ghandha timmilita favur l-istess i mputat. Illi anki jekk hemm din tikkonformi mal-fatt li l-imputat qed jinnega li ghandu x'jaqsam mal-incident in kwistjoni. Illi dan hu kkonfermat mill-istess Spettur James Grech fix-xhieda tieghu.

b. Illi ma kienx hemm raguni il-ghaliex l-imputat kellu jaghmel hsara lill-parti leza. Illi jidher evidenti li l-prosekuzjoni qed taqbad ma din it-tibni vaga biex tipprova tirbah il-kaz u dan fuq suppozizzjonijiet. Illi wiehed isaqsi jekk Justin Farrugia hu l-uniku persuna li jirrisjedi l-Belt?

c. Illi din apparti l-partijiet jafu lil xulxin u jekk kien hemm xi intopp, kif gie suggerit, dan kien snin qabel l-allegat incident meritu ta' din il-kawza.

d. Illi fir-realta l-uniku allegat xhud f'dan il-kaz kien hu l-parti leza li anki fix-xhieda tieghu ma kien hemm xejn konsistenti. F'nifs imur jghid li ra l-imputat hdejn il-vettura imbghad mar jghid li ra l-imputat ghaddej f'dawk l-akwati. Illi filwaqt li m'hemm xejn konsistenti f'dak li qal, l-istess xhud ddikjara li ra dan kollu meta kien ghaddej bil-karozza

tieghu ghall-affarjiet tieghu! Illi f'dan ir-rigward jirrizulta b'mod car li f'temp ta' ftit sekondi hu l-parti leza ghamel assessment negattiv kontra l-imputat meta lanqas ma waqaf liema agir jikxef il-fatt li fir-realta l-imputat ma kien qed jaghmel xejn. Illi dan qed jinghad ghax kieku dan ix-xhud induna b'xi haga irregolari wiehed jista` jibqa cart li zgur kien jieqaf u jirreagixxi liema haga ma saritx.

e. Illi s-stiwazzjoni hi aggravata mill-fatt li fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli prosekutur insista fuq il-kaz tieghu billi ddikjara sempliciment li qed jibbaza l-kaz tieghu fuq ir-reputazzjoni tal-imputat! Illi f'dan ir-rigward, b'kull rispett, l-fatt li ntqal dan id-diskors hu ghal-kollox inaccettabbli, kundannabbli u definittivament mhux argument li prosekutur ghandu jressaq fil-kamp kriminali meta l-provi ghandhom ikunu minghjar l-icken dubju. Illi f'dawk l-inhawi, jirrisjedu hafna persuni ta' karattru dubbjuz biex b'hekk bl-ebda mod ghandhu, l-parti leza, jippunta subajgh fuq l-imputat meta ilhom ma jkollhom affarjiet flimkien ghal-perjodu ta' snin.

f. Illi s-sitwazzjoni hi konfortata mill-fatt li anki meta x-xhud tal-parti leza kien qed jixhed, ma tantx kien qed jikkonvinci l-magistrat liema haga tirrizulta b'mod car mill-kontroezami li saret.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi Jeffrey Grech kien halla l-vettura tieghu pparkeggjata fi Triq il-Belt Valletta fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Awwissu, 2008, f'din il-vettura halla ammont ta' flus kontanti, madwar €580. Xi hadd mhux maghruf sgassalu l-bieba tal-vettura u hadlu l-flus illi kien hemm, sar rapport lill-pulizija, saru ezamijiet forensici fejn gew elevati mpronti digitali li wara ntuzaw mill-pulizija biex waslu ghand l-appellant illi resquh il-Qorti nkonnessjoni ma din is-serqa. B'Sentenza moghtija fis-17 ta' Frar, 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal sena prigunerija. L-appellant hass ruhu agravat minn din is-Sentenza u appella minnha peress illi bazikament il-fatti ma jswasslux ghal din il-kundanna. L-appellant argumenta illi jidher illi l-Ispettur ibbaza l-kaz tieghu fuq ir-reputazzjoni ta' l-appellant u li s-sitwazzjoni li nholqot kienet ferm incerta. Kull ma qal l-parti lesa kien biss illi ra lill-appellant ghaddej u mhux illi ghamel xi hsara jew

inkella jehodlu xi flus. Ma kienx hemm dizgwid bejn l-appellant u l-parti lesa u l-appellant kien sfortunat u wehel biss fuq pregudizzju. Dan mhuwiex kriterju li huwa accettat fil-kamp kriminali u ghalhekk saret “miscarrage of justice” fil-konfront tieghu li din il-Qorti kellha tirrimedja billi tillibera lill-appellant.

Ikkunsidrat.
Din il-Qorti ma taqbel xejn b’dan l-argument imressaq mill-appellant, jidher illi kien hemm dizgwid serju bejn l-appellant u l-parti lesa tant illi dan ta’ l-ahhar kien diga gie misruq mill-appellant darbtejn ohra u l-ewwel Qorti zgur ma kienetx sejra tistrieh sempiciment fuq dikjarazzjoni ta’ l-Ispettur, kellha hafna affarijiet quddiema. Kemm l-appellant kif ukoll il-parti lesa joqghodu vicin xulxin u gie assodat li l-appellant kien ghaddej hdejn il-karozza tal-parti lesa f’xi l-erbgha (4:00) ta’ filghodu. Aktar importanti pero’ nstabu mpronti digitali ta’ l-appellant fuq il-karozza tal-parti lesa.

Ikkunsidrat.
Din il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti kellha ragun biex issib il-htija fl-appellant, pero’ jidhrilha illi ghandha taghmel xi kummenti dwar partijiet mir-ragunament ta’ l-ewwel Qorti, aktar u aktar meta rreferiet ghall-impronti digitali ta’ l-appellant li nstabu fil-karozza tal-parti lesa u l-ewwel Qorti rrimarkat illi l-appellant ma tax ix-xhieda tieghu f’din il-kawza biex jipprova jiskolpa ruhu u jghid kif gew l-impronti tieghu fil-vettura ta’ persuna li skont hu kien jafha biss di vista.

Jibda biex jinghad illi l-imputat m’hu tenut jghid xejn u li m’ghandux ghalfejn igib provi, importanti li jigi osservat il-proviso ta’ l-Artiklu 634(1) tal-Kodici Kriminali illi jghid “*Izda, n-nuqqas ta’ l-imputat jew akkuzat illi jaghti x-xhieda tieghu ma tistax isservi ta’kument kuntrarju mill-Prosekuzzjoni.*” Dana japplika wkoll ghall-Qorti u l-fatt illi l-appellant ddecieda li ma jaghtix ix-xhieda tieghu u ma jaghtix spjegazzjoni tas-sejba ta’ l-impronti digitali tieghu fuq il-karozza ma jistghux jeliggu kummenti bhal dawn. Il-Qorti pero’ ghandha dritt tiehu dawk l-impronti bhala fatt u tasal ghal konkluzjonijiet taghha minghajr taghmel

referenza ghal fatt illi l-appellant naqas milli jixhed. Mil-bqija l-Qorti ma jidrilhiex illi ghandha ticcensura l-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, liema konkluzjonijiet huma ragunevoli u legalment korretti.

Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-deskrizzjoni ta'l-ewwel Qorti. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------